MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 15/2013

**Victor Vella**

**Vs**

**Malta Resources Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti **Victor Vella** ipprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi datat 19 ta' Frar 2010 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Victor Vella 178, Carmen, Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar jaghmel riferenza ghall-ittra tal-4 ta' Frar Ref: MRA/WAT/79/09 tal-Awtorita` dwar ir-Rizorsi u jissottometti dan l-appell.*

*Illi huwa kellu spiera fl-istess ghalqa kif spjegat fl-affidavit hawn anness, liema spiera kienet regolarment registrata circa 1997. Kif spjegat fl-affidavit, il-pompa ma tistax tahdem izjed u ghalhekk l-applikant haffer ohra vicin.*

*L-applikant ma jippretendix li ghandu jkollu zewg spieri, pero` jissottometti illi wahda (dik li m'ghadhiex tahdem) hija awtorizzata u regolari. Billi ma jistax jutilizzaha, jitlob illi l-ordni biex l-ispiera l-gdida tinghalaq tigi varjat fis-sens illi tigi applikata ghall-ispiera l-qadima u illi bi tpattija l-gdida tigi awtorizzata.*

*L-applikant jirrileva illi t-tifel tieghu huwa full time farmer u qieghed jahdem din l-ghalqa u jghix bil-prodottivita` taghha. Kieku z-zewg spieri jibqghu maghluqa, jitlef is-sors tal-ghejxien tieghu.*

*Fil-kaz illi dan l-appell jigi milqugh, l-applikant ikollu jordom l-ispiera l-qadima fil-manjiera indikata mill-Awtorita` u jibqa' bi spiera wahda li tahdem kif kellu minn 1997."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata esebita a fol. 5 tal-process fejn gie eccepit is-segwenti:-

> *"Illi dan huwa appell minn deċċizjoni tal-Awtoita datata 4 ta' Frar 2010 fejn l-Awtorita kkunsidrat is-sors ta' ilma ta' taħt l-art li jinsab fil-fond Ta' Ġiorġina Garhouse, Triq Wied Filep, Naxxar bħala wieħed mhux notifika mill-Awtorita u sussegwement ġie ordnat li dan is-sors jingħalaq.*
>
> *Preliminarjament, in-nullita ta' dawn il-proċeduri u dana peress li l-appel odjern ma sarx permezz ta' rikors kif jitlob l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma hu skond ir-rekwiziti li jirrikjedi l-Artikolu 10 tal-Avviz Legali 70 tas-sena 2009 u danna peress li ma jiddikjarax fil-qosor il-fatti u lanqas ma jindika jekk d-deċizjoni tal-Aworita għandhiex titħassar jew tinbidel.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas ma jissusisti wieħed mir-raġunijiet li jagħtu lok għall appell quddiem dan l-Onorabbli Bord ai termini tal-Artikolu 34 (2) tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fil-fatt l-Artikolu 34 jipprovdi li jista jiġi ntavolat rikors tal-appell minn deċizjoni tal-Awtorita biss:*

*a. jekk ikun sar zball materjali dwar il-fatti;*

*b. Jekk ikun hemm zball materjali fil-proċedura;*

*c. Jekk ikun sar zball fil-liġi;*

*d. jekk ikun hemm xi illegalità materjali, inkluza irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità fis-sentenza*

*Illi fil-kaz odjern ma tirrizulta ebda waħda mis-segwenti u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-Appell.*

*Il-Fatti fil-Qosor:*

*L-appellanti jikkontendi li huwa kellu spiera regolarment registrata fin 1997, prova ta' liema lanqas ma pprovda.*

*Huwa jsostni li din l-ispiera antika ma għadiex taħdem u li għalhekk huwa fetaħ spiera oħra.*

*Illi din l-ispiera kienet tħaffret f'Lulju tas-sena 2008 u dan kif iddikjara l-appellanti stess, fl-applikazzjoni għan-notifika ta' sors ta' ilma ta' taħt l-art datata 1 ta' Settembru tas-sena 2009.*

*Illi flimkien ma din l-aplikazzjoni l-appellanti kien prezenta affidavit fejn iddikjara li l-ispiera mertu tal-applikazzjoni kienet infetħet madwar sena u nofs ilu u li bi traskuraġni ma kienx irreġistraha.*

*Illi l-Awtorita appellata kienet permezz ta' deċizjoni tal-4 ta' Frar 2010 ordnat li din l-ispiera l-ġdida tingħalaq u dana peress li ma kienux jezistu ċirkostanzi speċjali li jiġġustifikaw sabiex l-ispiera tiġi reġistrata.*

*Illi l-appellanti ħassu aggravat minn din id-deċizjoni tal-Awtorita u għalhekk intavola dan l-appell.*

*Illi l-appell għandu jiġi miċħud u dan għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi l-appellanti kien prezenta l-applikazzjoni għan-notifika ta' sors ta' ilma ta' taħt l-art fit-28 ta' Settembru 2009 u ċioe wara t-temrinu oriġinali li kien hemm sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi sottomessa lill-Awtorità.*

   *Illi l-kaz kien prezentat lill-Kumitat hekk kif jipprovdi l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dak il-kumitat jikkonsidra jekk jezistux ċirkostanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa sabiex tiġi ġustifikata*

   *Illi skond l-Avviz Legali 204/2009, senjatament permezz tal-Artikolu numru tnwjn (2) l-Awtorità kellha mill-15 ta' Lulju, 2009 sa dik id-data li tiġi stabbilita mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta, taċċetta applikazzjonijiet għan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taħt l-art li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b'raġunijiet minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa:*

   *Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità.*

   *Illi fl-affidavit li prezenta l-utent appellanti huwa xehed li 'bi traskuraġni' ma rreġistrax l-ispiera.*

   *Illi skond l-istess Avviz Legali 204/2009 'flimkien man-notifika, utent ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art għandu wkoll jippreżenta affidavit li jiġi maħluf u konfermat taħt ġurament quddiem kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament, fejn jiġu speċifikat fl-affidavit ir-raġunijiet u ċ-ċirkustanzi speċjali xierqa li jkunu jiġġustifikaw id-dewmien tan-notifika, flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni oħra li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġi ppruvat il-kontenut ta' l-affidavit.".*

   *Illi huwa ċar li t-traskuraġni tal-utent appellanti ma tistax tiġi kkunsidrata bħala raġuni u ċirkostanza speċjali u xierqa li tiġġustifika d-dewmien tan-notifika.*

   *Illi huwa għalhekk li d-deċizjoni tal-Awtorità datata 4 ta' Frar 2010 għandha tkun konfermata.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellanti jikkontendi ukoll li t-tifel tiegħu huwa full time farmer u qiegħed jaħdem din l-għalqa u jgħix bil-prodottivita tagħha u li jekk l-ispiera tingħalaq huwa jitlef l-għejxien tiegħu.*

   *Illi dan kollu huwa rrilevanti peress li dan ma jistax jissana l-applikazzjoni tal-utent appellant.*

*Illi inoltre, dawn il-fatti l-utent la semmihom fl-applikazzjoni għan-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art tiegħu, jew fl-affidavit tiegħu li pprezenta sia mal-applikazzjoni u mal-appell tiegħu.*

*Illi lanqas ma ġab prova tal-fatt li li din l-art tinħadem minn l-istess tifel, u t-tifel lanqas biss ġie indikat bħala utent tas-sors ta l-ilma fl-applikazzjoni.*

*Illi in vista tas-suespost l-esponenti umilment tinterponi li dan l-Onorabbli Bord tal-Appelli għandu jikkonferma d-deċizjoni mogħtija mill-Awtorita fl-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) fir-rigward tas-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art li jġib in-numru ta' notifikazzjoni 988/08, bl-ispejjez kontra l-appellant. "*

Ra illi dan l-appell gie assenjat lil dan it-Tribunal sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 148 tal-2012 fejn dan it-Tribunal sar kompetenti jisma' appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita` intimata, inkluz dawk li kienu ghadhom pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Sema' x-xhieda ta' John Vella[1] u ta' Miriam Micallef Sultana;[2]

Ra l-affidavit ta' Antoine Riolo;[3]

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

---

[1] Riportata a fol. 34 sa 35 u minn fol. 44 sa 46
[2] Riportata a fol. 37A sa 37I u minn fol. 48 sa fol. 50
[3] A fol. 42 sa 43

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent u ibnu huma bdiewa u li fir-raba taghhom kellhom spiera, li minhabba xi gheruq tas-sigar, ma setghux itellghu ilma iktar minnha u ghalhekk haffru spiera ohra. Jirrizulta illi huma ma rregistrawx din it-tieni spiera ai termini tal-Avvizi Legali 255 tal-2008 ( Regolamenti ta’ l-2008 dwar in-Notifika ta’ Sorsi ta’ l-Ilma ta’ taht l-Art). Illi ghalhekk huma ghamlu applikazzjoni ai termini tal-Avviz Legali 204 tal-2009 (Regolamenti ta’ l-2009 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta’ Sorsi ta’ l-Ilma ta’ taht l-Art) fejn mill-15 ta’ Lulju 2009 l-Awtorita’ Dwar ir-Rizorsi kienet bdiet *“taccetta applikazzjonijiet għan-notifika ta’ sorsi ta’ ilma ta’ taħt l-art li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta’ Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b’raġunijiet minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa:*

*Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta’ l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità.”*

Illi permezz ta’ ittra datata 4 ta’ Frar 2010, ir-rikorrenti kien gie infurmat mill-Awtorita` intimata bis-segwenti:-

***“L-Awtorita` ta’ Malta dwar ir-Rizorsi rceviet l-applikazzjoni tieghek fit-28 ta’ Settembru 2009 ghal notifika ta’ sors tal-ilma ta’ taht l-art.***

***Nixtieq ngharrfek li l-Awtorita` kkunsidrat u ma accettatx l-applikazzjoni tieghek.***

***Dan sar wara li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali skont l-Artiklu 25 tal-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi qies li cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa ma jezistux bhal fil-kaz tal-applikazzjoni tieghek.***

***Ghaldaqstant is-sors imsemmi hawn fuq sejjer jigi kkunsidrat bhala mhux notifikat mill-Awtorita`. Ngharrfek ukoll permezz ta' din l-ittra li l-Awtorita` qieghda tordnalek sabiex jinghalaq is-sors tal-ilma ta' taht l-art fuq imsemmi skont l-ispecifikazzjonijiet teknici annessi ma' din l-ittra. Dan ghandu jsir fi zmien tletin gurnata mid-data ta' l-ircevuta ta' din l-ittra u ghandek ukoll tipprovdi l-provi ta' dan lill-Awtorita` minnufih, skont kif imsemmi fl-istess specifikazzjonijiet teknici."***

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'din id-decizjoni u intavola l-appell odjern.

Illi t-Tribunal se jibda biex jitratta l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, u jirrileva li l-istess eccezzjoni giet sorvolata permezz tad-digriet ta' dan it-Tribunal tat-18 ta' Lulju 2013 fejn l-istess Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent biex jigi korrett l-istess rikors promutur u ghalhekk qieghed jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi ghalhekk imiss issa li jigi nvestit il-mertu proprju ta' dan ir-rikors.

Illi x-xhud **Antoine Riolo** spjega li huwa kellu l-kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi mis-sena 2001 sas-sena 2009. Jispjega wkoll li kien membru u *Chairman* tal-Kumitat konsultattiv dwar il-kunsiderazzjoni ta' cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa dwar notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taht l-art li ma kinux gew pprezentati sal-20 ta' Novembru 2008 u dan skond ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi tal-Ilma ta' taht l-Art (L.S. 423.12).

Jispjega li l-legislatur ried li jigu kkunsidrati biss bhala accettabbli fil-kunsiderazzjonijiet tal-imsemmi Kumitat cirkostanzi spjecjali li jkunu gustifikati u xierqa u li kellhom ikunu suffragati b'kull prova u dokumentazzjoni ohra li tkun mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit tal-applikant. Jghid li dan il-process kien deroga specjali ghal dawk il-kazijiet genwini fejn ma kienx possibbli li ssir in-notifika fiz-zmien stipulat bil-ligi. Jghid li ghall-Kumitat Konsultatattiv kien car li ragunijiet bhal traskuragni tal-utent ma setghux jigu kunsidrati bhala ragunijiet u cirkostanzi specjali u xierqa li jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika skond il-ligi.

Illi min-naha tieghu, **John Vella**, iben ir-rikorrent xehed illi huwa ilu ghal cirka ghoxrin sena jahdem bhala bidwi u li missieru jghinu fir-raba. Jghid li fl-istess raba kien hemm *borehole* li kienet ilha hemm madwar tnejn u ghoxrin sena pero din gratilha l-hsara. Jghid illi ghalhekk saret it-tieni *borehole* pero ma kinux jafu li jridu japplikaw.

**Miriam Micallef Sultana**, in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata, stqarret illi r-raguni li ta r-rikorrent ghala kien applika ghan-notifika tas-sors ta' ilma ta' taht l-art tardivament kienet illi dan sar bi traskuragni. Tghid li mill-informazzjoni li kisbet l-Awtorita waqt spezzjoni li saret f'Ottubru 2013 jirrizulta illi fl-art tar-rikorrent kien hemm *borehole* mirduma bil-gebel pero mhux sigillata kif tesigi l-Awtorita` intimata. Stqarret ukoll illi fl-2008 kien hareg Avviz Legali li kien jiprojbixxi t-thaffir ta' *boreholes* godda.

Illi fit-trattazzjoni orali tieghu, id-difensur tar-rikorrent stqarr illi filwaqt li r-rikorrent jaccetta li applika tardivament, wiehed ma jridx jinsa l-element produttiv u pozittiv ghan-nazzjoni illi jkollna bdiewa li jkollhom l-ilma biex jistghu jiehdu hsieb l-ghelieqi taghhom. Huwa sahaq li r-rikorrent naqas milli jirregistra l-*borehole* in kwistjoni mhux b'xi sfida tal-ligi. Jghid li jekk wiehed jimxi fuq it-teknika, gustizzja mhux se ssehh.

Min-naha l-ohra, id-difensur tal-Awtorita` intimata sahqet li dan it-Tribunal mhux vestit bil-kompetenza li jidhol fl-ekwita` jew le tal-ligi ghaliex jista' biss jirrivedi l-att amministrattiv impunjat, f'dan il-kaz id-decizjoni tal-istess Awtorita tal-4 ta' Frar 2010. Li jfisser, li l-Awtorita` intimata ma setghetx taghmel mod iehor hlief li tordna lir-rikorrent jaghlaq il-*borehole* in kwistjoni.

Illi l-Att dwar l-Awtorita` Ta' Malta Dwar ir-Rizorsi, jistipula li dan it-Tribunal ghandu kompetenza jisma' appelli minn kull decizjoni tal-Awtorita` ghal kull wahda mir-ragunijiet li gejjin:

**(a) Li jkun sar zball materjali dwar il-fatti;**
**(b) Li kien hemm zball materjali fil-procedura;**
**(c) Li jkun sar zball fil-ligi;**
**(d) Li kien hemm xi illegalita` materjali, inkluza l-irragonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalita`.**

Illi jirrizulta li bhala fatti ftit hemm kontestazzjoni apparti l-fatt li ma ngabet l-ebda prova illi l-*borehole* originali kienet fil-fatt registrata fl-1997, kif spjegat

fir-rikors promutur, meta permezz tal-Avviz Legali 120 tal-1997 (Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Registrazzjoni tas-Sorsi ta' l-Ilma ta' Taht l-Art) kull persuna li jkollha l-kontroll effettiv ta' l-uzu ta' proprjeta` fejn jinsab sors ta' ilma ta' taht l-art kellha l-obbligu li tinforma lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma bl-ezistenza ta' tali sors.

Il-kontestazzjoni principali f'din il-vertenza hija jekk l-Awtorita` intimata imxietx tajjeb fil-konfront tar-rikorrent meta cahdet li l-gustifikazzjoni mressqa minnu kienet wahda li timmerita li huwa jinghata l-fakolta` li jirregistra s-sors li huwa kellu tardivament.

Illi ai termini tar-Regolament 2 tal-Avviz Legali 204 tal-2009 (Regolamenti tal-2009 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taht l-Art); *"...flimkien man-notifika, utent ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art ghandu wkoll jipprezenta affidavit li jigi mahluf u konfermat taht gurament quddiem kummissarju b'setgha li jaghti gurament, fejn jigu specifikati fl-affidavit **ir-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika**[4], flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit."*

Illi fl-affidavit ipprezentat mal-applikazzjoni tar-rikorrenti kien gie dikjarat is-segwenti:

*"Jien hawn taht iffirmat Victor Vella (ID 432738M) li noqhod Carmen, 178, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar, niddikjara u bil-gurament nikkonferma li jien diga kellhi spiera registrata fl-ghalqa tieghi "Ta'*

[4] Enfasi tat-Tribunal

*Giorgina Farmhouse", fi Triq Wied Filep, in-Naxxar. Izda xi sena u nofs ilu l-pompa gratilha l-hsara u peress li l-katusa tkissret bl-gheruq tas-sigar ma stajniex intellawha. Ghalhekk iddecidejt li naghmel spiera ohra fl-istess ghalqa u bi traskuragni ma kontx irregistrajtha. Nispecifika li l-ispiera l-antika issa ma ghadhiex tintuza."*

Illi dan it-Tribunal, wara li qara l-affidavit tar-rikorrent, ma jista' jirriskontra l-ebda cirkostanza specjali u xierqa mill-kontenut tal-istess affidavit. Kien biss fil-korp tal-appell u waqt ix-xhieda ta' John Vella, u kwindi wara d-decizjoni tal-Awtorita` intimata, li l-istess John Vella ddikjara li ma kinux jafu li jridu japplikaw ghar-registrazzjoni tas-sors.

Illi t-Tribunal iqis li l-koncessjoni li nghatat permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 204 tal-2009 kienet wahda specjali u fl-opinjoni tat-Tribunal il-fatt li wiehed ma kienx jaf li kellu jirregistra is-sors ta' ilma ta' taht l-art mhix gustifikazzjoni xierqa biex jibbenefika mid-deroga tal-ligi. Li kieku kien hekk, wiehed ikun qieghed jiftah il-bieb ghall-abbuz, haga li certament l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja riedet tevita li jsir.

Illi madankollu, kemm fil-korp tal-appell, kemm fix-xhieda tieghu u anke fit-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tar-rikorrent, gie enfasizzat li l-gheluq tal-*borehole* de quo se jkun ta' pregudizzju kbir ghalih stante li dan is-sors ta' ilma huwa essenzjali biex ikompli x-xoghol tieghu ta' bidwi.

Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrent u jaghraf il-pregudizzju li jista' jsofri. Madankollu l-istess Tribunal huwa marbut li jsegwi d-dettami tal-ligi, u anke jekk kaz ikun pjetuz kemm ikun pjetuz, it-Tribunal ma jistghax

jippronunzja ruhu kontra l-istess ligi. Kieku dan it-Tribunal kellu jimxi mod iehor jkun qed jipperikola serjament l-oggettivita` li tiggwidah fid-decizjonijiet tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------